# Il-Kelma ta' l-Arċipriet...

## *Sena parrokkjali għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ (42)*

Naħseb li kienet waħda mill-isbaħ drabi **l-ħruġ ta' San Ġużepp min-niċċa** din il-ġimgħa, fost il-ferħ ta' ħafna li mlew il-knisja għall-quddiesa u wara fil-pjazza. In-nar, il-banda, l-entużjażmu tal-istudenti, żgħażagħ u familji anki bit-tfal iż-żgħar kollox għen biex ftaħna l-festi ad unur ta' San Ġużepp b'mod l-iktar dinjituż u sabiħ. Kien hemm verament arja ta' festa u festa reliġjuża. U issa nkomplu nieħdu sehem mill-aħjar li nistgħu speċjalment fin-Novena sabiex naslu għal nhar il-festa iktar ħbieb ma' Alla u ma' xulxin kif qalilna wkoll waqt il-Konċelebrazzjoni l-E.T. Mons. Joseph Spiteri Nunzju Apostoliku fis-Sri Lanka li tant baqa' milqut mill-komunità parrokkjali tagħna, bil-volontarjat kollu li fiha u bil-ħidma li jirnexxilha twettaq fil-għaqda matul is-sena kollha.

*Dun Joe Zammit*



**"Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka m'huwiex għaqda mad-demm ta' Kristu? U l-ħobż li naqsmu m'huwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu?"**

*(1 Kor 10:16) (Lulju 5)*

Ilna nistennew snin dan il-Ħadd li fih wieħed minn uliedna **Dun Krystof Buttigieg** ser irodd ħajr lil Alla għad-don tas-saċerdozju tiegħu waqt quddiesa sollenni li ser jiċċelebra fil-ferħ tal-komunità parrokkjali kollha fil-knisja arċipretali tagħna fis-6.00pm. Dun Krystof stieden lil kulħadd biex jingħaqad miegħu f'dan il-mument għażiż u anki għar-riċeviment wara fil-pjazza.

## ĦOLQA MA' L-EMIGRANTI

**Jum il-Festa:** Il-Quddies ikun fil-5.30am, 6.30, 8.00, 11.00 u fil-5.00pm. Fid-9.00am Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex. **Purċissjoni fit-talb:** Wara l-istatwa ta' San Ġużepp tul Triq il-Wardija kollha. Malli tidħol il-purċissjoni, fil-Knisja Antifona u Barka Sagramentali.

## *A message to our foreign friends*

The **feast of our patron Saint Joseph** is at the door. Our streets are colorfully decorated, particularly our square. I hope that you enjoy the program we have prepared for these days. Thank you for your contributions for the expenses of the feast that are all paid by the parish.

## *Jista' jinteressak...*

- **Festa Familja** t-Tnejn fit-8.30pm fil-bitħa ta' l-iskola primarja.
- Nhar it-Tlieta fit-8.30pm **High Tea** fil-pjazzetta b'risq in-nar tal-festa.
- L-Erbgħa fil-Knisja Arċipretali fid-9.00pm **Oratorju Vokali-Strumentali** mtella' mill-Għaqda Mużikali tagħna 'Ite ad Joseph' fl-okkażjoni tal-40 sena mill-Inkurunazzjoni u tal-15-il sena mit-twaqqif tal-Banda.
- Nhar il-Ħamis 4 ta' Awwissu huwa **Jum l-emigranti**. Nagħmlu stedina lill-emigranti kollha biex jiġu għall-Quddiesa tagħhom. Nistiednu lill-emigranti biex jieħdu sehem attiv u għalhekk ser ikun hemm prova fil-Knisja t-Tlieta fil-5.00pm.
- Il-Ġimgħa, **l-ewwel ġimgħa tax-xahar**, jum ta' adorazzjoni. Programm tas-soltu.
- Is-Sibt fid-9.30am i**l-Quddiesa tat-*Te Deum*** bis-sehem tal-morda u l-anzjani. Min ikollu bżonn ta' trasport jikkuntatjana.
- Il-Ħamis, il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd huma ġranet li fihom għandna iktar possibiltà li nersqu għas-**Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni**. Araw il-programm ta' l-orarju tal-Qrar.
- Neħtieġu ***belladonna, ivy* u weraq** għall-arranġament ta' fjuri fil-Knisja. Ġibuhom nhar l-Erbgħa.
- Min fil-ġranet tal-festa jsib ftit ħin biex **kull min jirfes id-Dar t'Alla** jidħol liebes b'mod xieraq, ikellem lil Marinton Mizzi.
- Qed isiru **l-provi tal-marċijiet** għall-istudenti u ż-żgħażagħ. Kellmu lill-membri tal-Għaqda Briju San Ġużepp. Ħudu sehem ukoll fil-**BBQs** li jmiss, il-Ġimgħa 29 ta' Lulju u it-Tnejn 8 ta' Awwissu, l-għada tal-Festa.
- Prosit lil kull min bi ħsiebu jtella' **bandiera fuq il-bejt** tad-dar tiegħu. Min ikollu bżonn ta' għajnuna jkellimna.
- **Ħasil ġenerali** ta' l-art it-Tlieta fil-għodu.
- **Is-CD ta' Marċi Briljużi u Innijiet** li ħarġet il-Banda tagħna għall-Festa 2010 qed ikun għal bejgħ mill-Każin u mill-bar tal-Banda, għall-prezz ta' €12.
- **Żjara lill-kunvent tal-Klarissi** ta' San Ġiljan fil-festa ta' Santa Chiara nhar il-Ħamis 11 ta' Awwissu. Tluq mill-pjazza fit-3.15pm għal mal-vapur tat-3.45pm. Lura mal-vapur ta' l-10.00pm. Kellmu lil Loreta Vella sat-Tnejn 8 ta' Awwissu.
- **Donazzjonijiet:** €50 għall-Kunċizzjoni; 100 US$ għall-Kunċizzjoni; 100 US$ għal San Ġużepp. Il-ġabra tal-Festa bieb bieb laħqet is-somma sabiħa ta' €4439. Grazzi.